**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 61/22/F

**Maria u Noel Caruana**

**vs**

**David Sammut – Lumberjack Timber**

Illum, 12 ta' Settembru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-27 ta' April 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fid-9 ta' Frar 2023;

Ra li minkejja li ġiet intavolata Risposta, l-ebda rapppreżentant tal-azjenda intimata ma qatt deher għas-seduti quddiem it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti qed tindika s-somma ta' €5,000 bħala valur, liema somma hija rappreżentanti l-parti l-kbira tal-prezz li hija ħallset għall-sett bibien interni ordnati mingħand l-azjenda intimata li ssostni huma difettużi[1].

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi t-talba tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li waqt ix-xogħol, ir-Rikorrenti qatt ma lmentat mill-prodott, tant li ħallset il-prezz kollu dovut.

Illi r-Rikorrenti Maria Caruana spjegat bil-ġurament li hi qed titlob li "ningħata l-flus lura biex isiru mill-ġdid" minħabba li l-bibien in kwistjoni huma afflitti minn bosta difetti fosthom li ma jingħalqux sewwa, *spray* mogħti ħażin, żewġ bibien mhux *solid* meta kellhom

[1] il-prezz totali skont il-fattura kien ta' €5,251 u għalhekk it-Tribunal jifhem li r-Rikorrenti irrinunzjaw għal dik il-parti tas-somma li teċċedi l-€5,000, li fiż-żmien relevanti kien il-massimu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

isiru *solid, gap* kbira bejn il-bieb u l-koxxa. Ippreżentat sensiela ta' ritratti li fil-fatt jikkonfermaw id-difetti lamentati.

Illi ladarba r-rappreżentat tal-azjenda intimata għażel li ma jieħux interess f'dawn il-proċeduri, l-atti huma sajma mill-verjżjoni tiegħu u allura, il-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti tibqa' inkontradetta. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal ma għandu l-ebda triq oħra għajr li jqis li fuq bażi ta' probabbilità, ir-Rikorrenti ppruvaw il-każ tagħhom sal-grad rikjest.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitolbu r-Rikorrenti jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li l-bibien in kwistjoni huma afflitti minn difetti ossija nuqqas ta' konformità:**

**i)Jikkundanna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrenti is-somma ta' ħamest' elef Euro (€5,000) hekk kif mitlub;**

**ii)Jordna lill-azjenda intimata sabiex ladarba jsir il-ħlas, taqla' u tneħħi l-bibien in kwistjoni mill-fond tar-Rikorrenti a spejjeż esklussivi tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu interament a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***